MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1923/1995/2

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Novembru 1995 pprezentata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent Degeatano a fol. 1 *et seq* tal-process bhala Citaz. Numru 1923/95/VGD fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Marzu 1979 fil-knisja tal-Madonna ta' Lourdes, Rahal Gdid.

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attici ta' eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi, adulterju, abbandun tal-familja minghajr gustifikazzjoni u peress illi l-hajja konjugali ma ghadhiex aktar possibbli peress illi z-zwieg tkisser irremedjabbilment;

Illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti kif jirrizulta mill-kopja annessa tad-Digriet Dok. "B" u tixtieq titlob separazzjoni personali minn ma' zewgha,

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tassenja lill-attrici l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri Romina ta' sittax-il sena (16), Clintin ta' tlettax-il sena (13) u Christian ta' seba' (7) snin;

3. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada minn sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi tassenjaha interament favur l-attrici;

5. Tapplika favur l-attrici in kwantu applikabbli ghaliha l-effetti ta' l-**artikolu 48 sa 53 tal-Kodici Civili;**

6. Tiffissa retta alimentarja pagabbli mill-konvenut lill-attrici u lill-ulied minuri;

Bl-ispejjez u bl-imghax u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano fejn ordnat b’digriet datat 21 ta’ Novembru 1995 li abbazi ta’ l-**artikolu 173 tal-**

**Kap 12** l-attrici tesebixxi certifikat tat-twelid formali tal-minuri u certifikat taz-zwieg formali tal-partijiet kollox kif jidher a fol. 9 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 14 ta' Dicembru 1994 fejn l-attrici esebiet l-istess certifikati skond id-digriet moghti kollox a fol. 10 sa 14 tal-process.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 15 ta' Ottubru 1996 fejn il-kawza giet appuntata ghas-17 ta' Frar 1997.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 5 ta' Frar 1996 fejn talab li jigi varjat id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili moghti mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 20 ta' Settembru 1995 fejn gie ffissat manteniment ghall-attrici u ghall-minuri fl-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar skond Digriet Numru 996/95 a fol. 5 tal-process.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta ta' l-Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano datat 7 ta' Frar 1996.

Rat ir-risposta ta' l-attrici datata 20 ta' Frar 1996.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta ta' l-Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano datat 22 ta' Marzu 1996 fejn ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghall-1 ta' April 1996.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' April 1996 fejn xehdu l-**konvenut**, **l-attrici** u **l-Ispettur BMagro** kollox minn fol. 38 sa fol.44 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April 1996 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ta' l-Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano fejn xehdu **Saviour Farrugia u Joseph Tanti** u l-**Perit Alfred Briffa** prodott mill-attrici, u l-**attrici** bhala intimata prodotta mill-konvenut/rikorrenti kollox minn fol. 52 sa fol. 64 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ April 1996 fl-atti ta’ l-istess rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ April 1996 fl-atti ta’ l-istess rikors quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ta’ l-Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano fejn xehdet **Mary Buhagiar**.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta ta’ l-Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano datat 5 ta’ Gunju 1996 a fol. 29 tal-process fejn gie degretat li tenut kont tad-dhul attwali u rispettiv tal-partijiet ordnat li l-manteniment pagabbli mir-rikorrenti (l-konvenut) lill-attrici ghaliha u ghall-uliedha minuri jkun ghax-xhur ta’ Lulju, Awissu, Settembru kif stabbilit fid-digriet tas-Sekond’Awla datat 20 ta’ Settembru 1995 mentri ghall-bqija tax-xhur tas-sena il-manteniment ghandu jkun ta’ tmenin lira Maltija (Lm80) fix-xahar ghall-attrici u mitt lira (Lm100) fix-xahar ghall-minuri pagabbli bl-istess modalitajiet kif aktar fuq imsemmi. Dan id-digriet huwa b’effett retroattiv mill-1 ta’ Mejju 1996.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Frar 1997 fejn gie nominat Dr. Martin Fenech bhala Assistent Gudizzjarju minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo.

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-24 ta’ April 1997 u tal-10 ta’ Gunju 1997.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 2 ta’ Gunju 1997 fejn talab li l-manteniment li huwa gie obbligat ihallas lill-attrici jigi mnaqqas; rat ir-risposta datata 16 ta’ Gunju 1997; rat ix-xhieda ta’ l-attrici u tal-konvenut datati 30 ta’ Lulju 1997; rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici datata 12 ta’ Awissu 1997; tal-konvenut datat 10 ta’ Settembru 1997 u d-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 17 ta’ Novembru 1997 fejn gie ffissat manteniment ta’ tmenin lira Maltin (Lm80) ghall-attrici u ghall-minuri fl-ammont ta’ sitta u

sittin lira Maltin (Lm66), bl-arretrati dovuti sal-31 ta' Ottubru 1997.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 16 ta' Frar 1998; ir-risposta datata 17 ta' Marzu 1998; u l-atti kollha rellattivi ghall-istess rikors inkluz il-verbali tas-16 ta' April 1998, 8 ta' Mejju 1998, 25 ta' Mejju 1998, 25 ta' Gunju 1998, 16 ta' Novembru 1998, 12 ta' Frar 1999, 22 ta' April 1999, 5 ta' Lulju 1999, 10 ta' Dicembru 1999, 16 ta' Marzu 2000, 11 ta' Lulju 2000, 31 ta' Jannar 2001, 29 ta' Mejju 2001, 23 ta' Ottubru 2001, 14 ta' Marzu 2002, 3 ta' Ottubru 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Gino Camilleri, 7 ta' Jannar 2003 u 10 ta' Marzu 2003 fejn l-istess rikors gie diferit *sine die* u peress li jirrizulta mill-atti li din il-kwistjoni giet sorvolata din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 16 t'April 1996 a fol. 50 *et seq* tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu u dan peress li huwa jammetti l-adulterju tieghu.

2. Illi, dwar il-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri tal-partijiet, l-eccipjent jaqbel illi martu ghandha jkollha f'idejha l-istess kura u kustodja b'dan li huwa ghandu jkollu access xieraq.

3. Illi, dwar it-tielet talba attrici, jinghad li din mhix sostenibbli skond il-ligi ghaliex *in vista* tad-data li minnha bdiet issehh il-htija mputabbli lill-eccipjent, kif ukoll peress li mhux minnu li l-akkwisti saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici m'hemmx lok li tigi applikata d-dekadenza mitluba.

4. Illi, dwar ir-raba' talba attrici, jinghad li filwaqt illi l-eccipjent ma jopponix ruhu ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, t-talba ghall-assenjazzjoni ta' l-akkwisti ezistenti a favur ta' l-attrici mhix sostenibbli skond il-ligi.

5. Illi, dwar il-hames talba attrici, l-eccipjent jirrimetti ruhu ghad-dispozizzjonijiet applikabbli tal-ligi.

6. Illi, dwar is-sitt talba attrici, jinghad li fil-fissazzjoni tar-retta alimentari pagabbli mill-eccipjent ghandhom jithassru d-disposizzjonijiet tas-**sub-artikolu 2 ta' l-artikolu 54** tal-kodici civili.

7. Illi t-talba attrici ghall-kundanna ghall-hlas ta' imghax hija nspjegabbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol.51 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tal-1 ta' April 1996 fejn xehed ir-rikorrent **B** minn jeddu. Xehdet **Maria Concetta Abdilla** u xehdu l-**Ispettur BMagro**; tas-16 ta' April 1996 fejn xehed **Saviour Farrugia**; **Joseph Tanti**; il-**Perit Alfred Briffa**; l-intimata **M'Concetta sive A Abdilla** fuq talba tar-rikorrent; tat-18 ta' April 1996; tal-24 ta' April 1996 fejn xehdet **Mary Buhagiar**; tas-17 ta' Frar 1997 fejn il-Qorti nnominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Martin Fenech biex jigbor ix-xhieda; tal-24 ta' April 1997; tal-4 ta' Novembru 1997; tad-29 ta' Jannar 1998 fejn il-Qorti ssostitwixxiet n-nomina tal-Assistent Gudizzjarju Dr Martin Fenech u appuntat minfloku lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia; u tal-14 ta' Mejju 1998.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti BAbdilla pprezentat fit-2 ta' Gunju 1997 fejn talab li l-Qorti tirriduci l-manteniment attwalment pagabbli minnu b'mod li l-mezzi rispettivi tal-partijiet ikunu stabbiliti f'livell aktar gust w ekwu.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn ordnat li ssir notifika lill-kontro-parti b'erbat' ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimata M'Concetta Abdilla tas-16 ta' Gunju 1997.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-30 ta' Lulju 1997.

Rat il-verbal tat-30 ta' Lulju 1997 fejn il-partijiet qablu li l-atti u l-provi migbura fic-Citazzjoni Nru 1923/95 li jinkludu wkoll rikors iehor fuq materja simili ghandhom jghoddu

ghal dan ir-rikors. Xehdu **BAbdilla** u **Maria Concetta Abdilla**. Ir-rikors gie trattat u l-kawza giet differita ghal digriet kamerali.

Rat id-decizjoni moghtija fid-Digriet Kamerali tas-17 ta' Novembru 1997 fejn gie ordnat li d-digriet tas-Sekond' Awla jigi varjat mill-1 ta' Novembru 1997 billi l-ammont ta' alimenti pagabbli lill-intimata ghandhom ikunu ta' tmenin lira Maltin (Lm80) ghaliha. *Invece* dawk lilha pagabbli ghat-tfal minuri ta' sitta u sittin lira Maltin (Lm66), ilkoll pagabbli bil-quddiem fid-dar tar-residenza taghha u minghajr pregudizzju ghall-arrettrati dovuti sal-31 t'Ottubru 1997.

Rat l-affidavit ta' l-attrici **A Abdilla** datat 25 ta' Settembru 1998 (fol 82) u d-Dokumenti "MCA 11" u "MCA 12" a fol. 90 u 91 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut tad-19 t'Ottubru 1998 fejn irriserva li jaghmel kontro-ezami tax-xhieda ta' l-attrici.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tad-29 ta' Ottubru 1998 u tat-12 ta' April 1999.

Rat in-nota ta' l-attrici tal-14 ta' April li biha pprezentat l-affidavit ta' bintha **Romina Abdilla** (fol 96).

Rat in-nota ta' l-attrici tat-22 ta' April 1999 li permezz taghha ezebiet l-affidavit ta' missierha **John Meli** (fol 102).

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tat-2 ta' Lulju 1999; tal-10 ta' Jannar 2000; tal-15 ta' Mejju 2000; tat-13 ta' Novembru 2000; tas-6 ta' Frar 2001; tat-2 ta' Mejju 2001; u tat-13 ta' Novembru 2001.

Rat l-ordni tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-21 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-20 ta' Gunju 2002 sabiex tinstema' minn din il-Qorti hekk attwalment presjeduta.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti kif attwlament presjeduta tal-20 ta' Gunju 2002 fejn il-Qorti giet infurmata minn Dr. Patrick Galea ghall-attrici li l-konvenut f'seduta ohra kellu jikkonkludi l-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia, lanqas biss dattilografti, datati 30 ta' Marzu 1998, 17 ta' April 1998, 22 ta' April 1998, 17 ta' Gunju 1998, 13 ta' Ottubru 1998, 21 ta' Ottubru 1998, 27 ta' Ottubru 1998, 16 ta' Novembru 1998, 12 ta' Jannar 1999, 3 ta' Marzu 1999, 5 ta' Mejju 1999, 8 ta' Lulju 1999, 27 ta' Settembru 1999, 9 ta' Marzu 2000 u 21 ta' Marzu 2001 fejn apparti verbali ma instemghet l-ebda xhieda mill-istess Assistent Gudizzjarju – fl-ahhar seduta Dr. Patrick Galea ghall-attrici ddikjara li ma ghandux provi izjed; tal-15 ta' Mejju 2000; 18 ta' Frar 2002; 14 ta' Marzu 2002; 28 ta' Mejju 2002; 16 ta' Settembru 2002 u 8 ta' Novembru 2002 fejn quddiem l-istess Assistent Gudizzjarju ma nzammet mill-partijiet l-ebda smiegh ta' xhieda ta' xejn u kull ma' saru kienu biss verbali.(fol 118 sa tergo fol 121).

Rat in-nota tal-konvenut **B Abdilla** tas-27 ta' Novembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess datat 26 ta' Novembru 2002 (fol 122).

Rat il-verbali tas-seduta quddiem din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta tal-4 ta' Dicembru 2002 fejn l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia nforma lill-Qorti li l-provi huma maghluqa. Dr Vassallo talab li jsiru noti ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta' 50 gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet taghha bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollu 50 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-7 ta' Mejju 2003 fejn talbet li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tinghata l-opportunita` sabiex isiru l-kontro ezamijiet opportuni tal-konvenut.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-8 ta’ Mejju 2003 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta b’dan li f’tali risposta guramentata jindika l-introjtu ezatt tieghu anke b’dokumenti awtentici relattivi.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-2 ta’ Gunju 2003 u d-dokumenti hemm prezentati fejn jirrizulta li fis-sena 2002 l-konvenut kellu dhul gross ta’ seba’ t’elef, sitt mija w erbgha u erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm7,644.48) u dhul nett ta’ hames t’elef tmien mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm5,845.92) kollox skond dokument li jidher a fol. 135 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-5 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba w ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea sabiex jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha ndikati u li baqa’.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea u d-dokumenti hemmipprezentati fejn fl-20 ta’ Ottubru 2003 xehdet l-attrici u l-konvenut; tat-28 ta’ Ottubru 2003 fejn xehed il-konvenut u l-attrici u l-partijiet qabblu li l-kura u l-kustodja tal-minuri Christian ghandha tkun fdata f’idejn l-istess attrici u l-access ghall-konvenut ghandu jkun wiehed liberu u skond ma’ jiftehmu l-partijiet; 13 ta’ Frar 2004 fejn xehdet l-attrici (fol 140 sa 186).

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea jirritorna l-inkartament.  Dr. John Vassallo ghall-konvenut talab li jaghmel nota ta’ osservazzjonijiet.  Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta’ 30 jum lill-attrici bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollu 30 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-17 ta’ Frar 2004.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-12 ta' Frar 2004 fejn talbat li l-Qorti tammetti n-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Frar 2004 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata 12 ta' Frar 2004 u d-dokumenti hemm esebiti (fol 193 sa 223)

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2004 fejn il-konvenut inghata fakolta` li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet; tat-23 ta' Marzu 2004 fejn Dr. John Vassallo ddikjara li l-kontestazzjoni principali u kwazi unika hija dwar id-dar matrimonjali fejn l-attrici qed tippretendi li tigi assenjata d-dar matrimonjali fl-intier taghha. L-attrici ssuggeriet li n-nofs tar-ragel jigi assenjat lit-tfal; tal-15 ta' Gunju 2004; tas-27 ta' Ottubru 2004 u tal-10 ta' Marzu 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta' Gunju 2005.

Rat in-nota tal-konvenut tal-10 ta' Marzu 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2005 fejn Dr. Vassallo talab differiment sabiex il-partijiet jittransigu. Il-Qorti laqghet it-talba u tat lill-partijiet tletin gurnata biex f'dan il-kaz jipprezentaw minuta relattiva. Fin-nuqqas, li jsir dan, il-Qorti pprefiggiet terminu ta' sittin (60) gurnata lill-konvenut biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha sittin (60) gurnata biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' Novembru 2005 ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-14 ta' Gunju 2005 fejn talbet estensjoni taz-zmien ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet sat-30 ta' Lulju 2005 u d-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Gunju 2005 fejn laqghet it-talba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-partijiet izzewgu fl-1979 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal – li llum il-gurnata fadal biss wiehed li huwa minorenni.

Illi rrizulta mix-xhieda li ghal snin twal iz-zwieg bejn il-partijiet kien wiehed tajjeb. L-attrici fl-affidavit taghha spjegat li l-inkwiet bejniethom beda lejn l-ahhar ta’ l-1993. Zewgha kien jahdem bhala Surgent tal-Pulizija, u f’dak iz-zmien kien qed jaghmel xoghol *part-time* ma’ socjeta` privata Malpas Limited u fuq dan ix-xoghol iltaqa’ ma’ Pauline Grech u bdiet relazzjoni bejniethom u ghadu maghha sal-lum. Infatti jghixu flimkien. Hija rrakkontat li ghal diversi zewgha u din Pauline Grech siefru flimkien suppost fuq *business*. Qabel ma telaq mid-dar huwa qalilha li ma kienx ghadu jhobbha. Meta rrinfaccatu li jekk kien gara hekk bilfors li kien hemm xi mara ohra, huwa ammetta maghha ghall-ewwel darba li kien u li kienet Pauline Grech.

Illi wara li telaq mid-dar hija baghtet lil zewgha ghand il-Kappillan biex ikellmu. Il-Kappillan qalilha li l-konvenut qallu li kien ilu jippjana biex jitlaq u ma kellux intenzjoni jmur lura mill-pass tieghu. B’hekk il-Kappillan qalilha li fic-cirkostanzi din is-separazzjoni kienet l-ahjar haga ghaliha inkella kienet se tbati izjed.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut xehed li l-inkwiet bejnu u bejn martu beda minhabba l-*part-time* li huwa beda mal-kumpanija IMCO u kien qed ikollu jqatta’ hin mhux fid-dar. Hija kienet tghajjru li hi dejjem id-dar u hu jigri barra, *“dejjem qisek is-sinjur”.* Minhabba dan it-tghajjir, bl-indhil u bl-incidenti kkawzati minn martu huwa kien spicca bi dwejjaq kbar l-aktar meta spicca akkuzat li qed jinqeda bix-xoghol barrani biex ikun liberu, w izjed meta uliedu f’certu okkazzjonijiet ghajruh li mhux ragel u mhux ta’ kelma. Huwa beda jitlef l-effett kollu ta’ missier.

Illi huwa xehed li sar jaf lil Pauline Grech fi hdan il-kumpanija Malpas. F’dak iz-zmien il-laqghat li kien ikollu ma’ Pauline Grech kienu marbutin max-xoghol u jichad li

dak iz-zmien kien beda relazzjoni maghha. Pero` ammetta li wara certu zmien bdiet relazzjoni bejniethom, u filwaqt li meta telaq mid-dar mar joqghod ghand ommu ghal madwar tlett xhur eventwalment iddecieda li jmur ighix ma' Pauline Grech fid-dar taghha.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti thoss li gie ppruvat li kien l-adulterju tal-konvenut li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Dak li l-konvenut allega li kien inkwiet bejnu u bejn martu zgur li ma jwassalx ghat-tifrik – dawn kienu biss nuqqasijiet ta' qbil u argumenti li jkun hemm f'kull familja li l-partijiet setghu facilment isolvu jekk it-tnejn riedu li l-familja tibqa' flimkien; anke kieku kien hemm diffikulta li l-partijiet setghu jsolvu dan wahedhom (din il-Qorti ma' ghandha l-ebda dubju li dan setgha sar kieku l-konvenut ma kienx kommess band'ohra) setghu anke facilment ifittxu ghajnuna minn terzi biex jekk kien hemm xi problemi dawn jissolvew. Izda ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut ma riedx li jiehu din it-triq ta' qbil u kompromess u ghazel minflok li jkollu u jkompli relazzjoni ma' mara ohra, li llum-il gurnata jammetti li jghix maghha; fil-fatt kien huwa wkoll li telaq mid-dar konjugali mhux ghal dak li jippretendi jew jallega huwa izda proprju minhabba din ir-relazzjoni ma' mara ohra ben identifikata f'dawn l-atti u li kif inghad din ir-relazzjoni giet ammessa waqt il-mori ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha kemm minhabba adulterju *da parte* tal-konvenut, abbandun tal-familja, *stante* li kien l-konvenut li telaq mid-dar konjugali, w eccessi u mohqrija *stante* li kien hemm zmien fejn l-istess konvenut naqqas li jmantni sodisfacentement lill-attrici u lill-uliedha tant li l-attrici kienet kostretta tohrog tahdem kif jirrizulta mill-atti tal-kawza. Apparti dan il-konvenut ingurja gravament lill-attrici *stante* li anke waqt din il-kawza sostna li t-tkissir taz-zwieg sar minhabba l-agir ta' l-attrici, haga li assolutament u bla ebda mod ma giet ippruvata u l-allegazzjonijiet tal-konvenut taht dan l-aspett jammontaw ghall-ingurja gravi *da parte* tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici.

Illi dwar il-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti llum il-posizzjoni hija li mit-tlett itfal li kellhom huwa Christian li ghadu minuri u llum ghandu 17-il sena u fis-seduta mizmuma fit-28 ta' Ottubru 2003 quddiem Dr. Vincent Galea, il-partijiet qablu li l-kura u l-kustodja tal-minuri Christian ghandha tkun fdata f'idejn l-attrici u l-access ghall-konvenut ghandu jkun liberu u skond ma jiftehmu l-partijiet. Dwar dan il-Qorti taqbel b'dan li taghti d-dritt lill-istess minuri li jaghzel huwa jekk jattendiex ghall-istess access jew le b'mod li hadd mill-partijiet ma ghandu jipprova b'xi mod jisforza naha jew ohra lill-istess minuri u kull access ghalhekk ghandu jsir bi ftehim mieghu.

Illi dwar manteniment kif diga nghad il-partijiet ghandhom tlett itfal, li wiehed minnhom biss huwa minuri. Bhalissa l-konvenut qed ihallas b'kollox mija u tlettax-il lira Maltin (Lm113) fix-xahar bhala manteniment, cioe` tmenin lira Maltin (Lm80) ghall-mara u l-bqija ghall-minuri.

Illi bhala introjtu jirrizulta li l-konvenut jaqla' f'idejh bhala *net* circa erba' mitt lira Maltin (Lm400) kull paga skond il-*payslips*ipprezentati minnu fl-ahhar nota tieghu ta' l-10 ta' Marzu 2005. Huwa sostna fl-affidavit tieghu li peress li martu giet konfermata fl-impjieg taghha mal-Gvern, din ir-rata ta' manteniment ghandha tigi ridotta. Irrizulta mill-atti, cioe` mix-xhieda tal-attrici nnifisha (a fol.125 tal-process) li hi tippercepixxi s-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320) fix-xahar (*vide payslip* taghha a fol.131 u 132 tal-process). Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha hija sostniet li l-manteniment ghandu jizdied minhabba l-ezigenzi tal-lum, *"partikolarment meta jirrizulta illi l-konvenut jaqbad sitt mitt Lira (Lm600) fix-xahar"* (a fol.188 tal-process). Jigi rilevat pero` li ma giex ippruvat li l-konvenut jaqla' sitt mitt lira Maltin (Lm600) fix-xahar.

Illi tenut kont tas-sitwazzjoni u c-cirkostanzi attwali tal-kaz, inkluz l-introjtu ta' l-attrici, din il-Qorti thoss li tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghal binha minuri ghandu jkun ta' mija u tlettin lira Maltija (Lm130) fix-xahar, pagabbli kwantu ghall-mitt lira Maltija (Lm100) bhala manteniment ghall-mara u kwantu ghall-tlettin lira Maltija

(Lm30) ghall minuri u hawn din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-eta` tal-minuri, b’dan li l-manteniment tal-minuri ghandu jibqa’ jinghata biss sakemm dan jaghlaq it-tmintax-il sena.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti jirrizulta li din tikkonsisti principarjament fid-dar matrimonjali bl-isem “Unita’”, Xghajra Road, Zabbar bil-garaxx maghha.

Illi kwantu ghal din id-dar, l-art in kwistjoni kienu haduha b’cens ghal ghaxar snin minghand il-Kurja fl-1980. Fuq din l-art bnew id-dar li mbaghad marru joqghodu fiha. Fl-1990 fdew ic-cens u akkwistaw il-proprjeta`. L-attrici xehdet li missierha tahom tmien mitt lira Maltin (Lm800). Il-konvenut sostna li missierha tahom seba’ mitt lira Maltin (Lm700). L-attrici sostniet li dawn it-tmien mitt lira Maltin (Lm800) li missierha tahom sabiex jifdi c-cens huma assi parafernali taghha.

Illi dwar id-dar hija ssottomettiet li sehem zewgha ghandu jigi assenjat lilha tul hajjitha d-dritt ta’ abitazzjoni fid-dar apparti l-kwoti rispettivi. Hija wkoll tikkunsidra sitwazzjoni fejn sehem ir-ragel ighaddi direttament fuq it-tfal soggett ghad-dritt ta’ abitazzjoni *vita durante* taghha. Rigward it-tmien mitt lira Maltin (Lm800) hija sostniet li dan ghandu jitqies kontribut maghmul min-naha taghha.

Illi l-konvenut, fin-nota tieghu, qal li sa mill-bidu nett wera li jaqbel li martu jkollha d-dritt li taghmel uzu mill-istess fond sakemm hija tkun tinhtieg, eskluzi terzi persuni. Tali dritt ta’ uzu jikkomprendi wkoll l-effetti mobbili kollha ezistenti fid-dar.

Illi b’hekk jigi deciz li d-dar matrimonjali tappartjeni liz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs cioe` nofs kull wiehed, b’dan ghalhekk li l-istess immobbli ghandha tibqa’ in komun bejn il-partijiet f’porzjoni ta’ nofs indiviz ghal kull parti, b’dan pero` li *stante* li kien l-agir tal-konvenut li kien responsabbli ghal dan it-tkissir taz-zwieg, u wkoll *in vista* tad-dikjarazzjoni ta’ l-istess konvenut fin-nota tieghu (a fol.220 tal-process) l-attrici qed tinghata d-dritt li taghmel uzu mill-istess fond matrimonjali b’mod esklussiv ad

eskuzzjoni tal-konvenut u dan ghal tul hajjitha kollha bl-esklussjoni wkoll ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux familjari tal-partijiet. Tali dritt ta' uzu jikkomprendi wkoll l-effetti mobili formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti konsistenti biss fi *spare bedroom* u dan peress li l-ghamara kollha fl-istess dar hija parafernali taghha.

Illi bhala parti mill-assi, hemm ukoll karozza tal-marka Opel Corsa kulur abjad. Meta telaq il-konvenut hadha mieghu u llum iddikjara li din l-istess karozza nghatat lit-tifel Clinton. Dan ma giex kontestat mill-attrici. Kwindi din il-Qorti ma tiehux konjizzjoni tal-istess.

Illi l-attrici semmiet bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti l-kont bankarju fil-Bank of Valletta plc f'isem il-konvenut li *statement* tieghu huwa esebiet a fol. 199 tal-process u li ghandu n-numru 15100003015 fil-*branch* ta' Haz Zabbar u din il-Qorti tordna li dan l-istess kont ghandu jigi assenjat kollu kemm huwa lill-attrici u dan anke *in vista* ta' l-ispejjez li ghamlet inkluz self sabiex irrangat l-immobbli li fiha tghix b'dan li l-istess self li hija hadet jibqa' jigi mhallas minnha.

Illi jirrizulta wkoll li hemm dejn ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) favur missier l-attrici u din il-Qorti thoss li tali debitu huwa tal-komunjoni u ghandu jithallas nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

Illi l-attrici semmiet ukoll ghadd ta' ishma fis-socjeta` Malpas Limited fejn kien jahdem zewgha. Il-konvenut sostna li qatt ma kien hemm ishma f'din is-socjeta`. Min-naha taghha l-attrici ma ppruvatx li kien hemm jew li hemm xi ishma f'din is-socjeta` u ghalhekk l-allegazjoni dwar l-istess mhux qed tigi accettata.

Illi l-attrici qed tippretendi wkoll li l-konvenut ghandu jhallas lilha l-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) li hija tghid li l-konvenut allegtament uza' bhala kapital sabiex hu u Pauline Grech bdew in-negozju ta' mportazzjoni ta' hwejjeg mit-Turkija. Il-konvenut cahad dan. Huwa sostna li s-sitt mitt lira Maltin (Lm600) inhargu bejn tlieta. Huwa qal li kien sar telf minn dan in-negozju.  Din il-Qorti thoss li

hawn ukoll l-attrici ma rnexxielhiex tipprova l-allegazzjoni taghha u l-pretensjoni taghha f'dan il-kuntest qed tigi respinta.

Illi l-attrici fl-affidavit taghha sostniet li l-ghamara kollha ta' god-dar, bl-unika eccezzjoni ta' l-ghamara ta' l-i*spare bedroom*, hija parafernali taghha. Il-konvenut m'oggezzjonax ghal dan fl-affidvait tieghu (*vide* fol.112 tal-process). Kwindi l-ghamara kollha ta' god-dar qed tigi ndikata li hija parafernali ta' l-attrici u ghalhekk hija proprjeta` esklussiva ta' l-attrici bl-eccezzjoni ta' l-i*spare bedroom* li kif inghad tibqa' fid-dar ghall-uzu ta' l-attrici sakemm hija tibqa' tghix fl-istess dar ad eskluzjoni ta' terzi kollox skond id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut minhabba li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija w ingurji gravi li kawza ta' l-istess, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u l-konvivenza bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli.

(2) Tilqa' t-tieni talba attrici billi tassenja lill-attrici l-kura u l-kustodja tal-wild minuri Christian b'liberu access ghall-konvenut u skond ma jiftehmu bejniethom il-partijiet u l-istess minuri b'dan ghalhekk li din il-Qorti taghti wkoll id-dritt lill-istess minuri li jaghzel huwa jekk jattendiex ghall-istess access jew le b'mod li hadd mill-partijiet ma ghandu jipprova b'xi mod jisforza naha jew ohra lill-istess minuri u kull access ghalhekk ghandu jsir bi ftehim mieghu.

(3)Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** b'effett mill-20 ta' Settembru 1995.

(4) Tilqa' r-raba' talba attrici billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' l-20 ta' Settembru 1995 u dwar il-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti qed jigi ddikjarat li l-fond "Unita'", Xghajra Road, Zabbar bil-garaxx maghha ghandu jibqa' proprjeta` komuni ta' bejn il-partijiet fil-porzjoni ta' nofs indiviz kull parti b'dan il-Qorti qed taghti dritt lill-attrici sabiex tghix esklussivament jekk trid flimkien ma' uliedha fl-istess immobbli kif illum huwa adebit inkluz il-mobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq indikat u dan ghal tul hajjitha bl-esklussjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li mhux familjari tal-partijiet. Tali dritt ta' abitazzjoni huwa abbazi ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16.**

Illi din il-Qorti tordna li l-kont bankarju fil-Bank of Valletta plc f'isem il-konvenut li *statement* tieghu huwa esebiet a fol. 199 tal-process u liema kont ghandu n-numru 15100003015 fil-*branch* ta' Haz-Zabbar ghandu jigi assenjat kollu kemm huwa lill-attrici ghar-ragunijiet fuq indikati.

Illi dwar id-dejn ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) favur missier l-attrici, din il-Qorti tordna li tali debitu huwa tal-komunjoni u ghandu jithallas nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

Illi din il-Qorti ghal kull effett u *buon* fini tal-ligi tiddikjara li l-ghamara kollha ta' god-dar li fiha qed tghix l-attrici hija parafernali ta' l-attrici u ghalhekk hija proprjeta` esklussiva ta' l-attrici bl-eccezzjoni ta' l-i*spare bedroom* li kif inghad ghandha tibqa' fid-dar ghall-uzu ta' l-attrici sakemm hija tibqa' tghix fl-istess dar ad eskluzjoni ta' terzi kollox skond id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16** u kif inghad f'din is-sentenza.

5) Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

6) Tilqa' s-sitt talba attrici billi fic-cirkostanzi kollha attwali tal-kaz din il-Qorti tiffissa l-ammont ta' manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghal binha minuri fis-somma ta' mija u tlettin lira Maltija (Lm130) fix-xahar, pagabbli kwantu ghall-mitt lira Maltija (Lm100) bhala manteniment ghall-mara u kwantu ghall-tlettin lira Maltija (Lm30) ghall-minuri b'dan li l-manteniment tal-minuri ghandu jibqa' jinghata biss sakemm dan jaghlaq it-tmintax-il sena. Illi tali manteniment ghandu jkollu effett mid-data ta' din is-sentenza u pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici u b'dan li tali manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata formalment a spejjez attrici lill-istess *employer* tal-konvenut sabiex l-istess jaderixxi ruhu ma' l-istess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------